MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 265/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Olaf Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Olaf Cini talli f'dawn il-Gzejjer f'April 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ disat elef liri Maltin (Lm9,000) ghad-dannu ta’ Josephine sive Angela Hathaway, detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 616348(M);

(2) Fl-istess perijodu u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, l-ammont ta’ disat elef liri Maltin (Lm9,000) ghad-dannu ta’ Josephine sive Angela Hathaway, detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 616348(M), liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat;

(3) B’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ l-Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmi Olaf Cini ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Olaf Cini hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal prigunerija ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-27 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, tikkonferma s-sejbien ta’ htija, tirrevoka l-piena u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Huwa jghid illi skond il-htija misjuba, l-ewwel

Qorti kellha tapplika l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali li fil-*minimum* kien tlettax-il xahar prigunerija oltre zieda ta’ grad ghar-recidiva skond l-artikolui 50 u grad iehor skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, biex b’hekk il-*minimum* tal-piena kellu jkun sentejn prigunerija.

L-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-fatt jipprovdi illi fil-kazijiet imsemmijin fis-Sub-titolu III tal-Kodici Kriminali intitolat “Fuq il-Frodi”, meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn elf lira, il-piena tkun ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin. Jigifieri meta l-ewwel Qorti mponiet piena ta’ sena prigunerija hija nizlet taht il-*minimum*, haga li setghet taghmel biss b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u dan “ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza”. Minn ezami ta’ l-atti kollha tal-kaz u mis-sentenza appellata ma tirrizulta l-ebda raguni specjali u straordinarja li setghet wasslet lill-ewwel Qorti biex tinzel taht il-*minimum*.

L-appellant Avukat Generali pero` jsostni illi l-ewwel Qorti l-anqas ma applikat l-artikoli 18 u 50 tal-Kap. 9. Dan huwa minnu. Difatti fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rreferiet biss ghall-artikoli 308, 293 u 49 tal-Kap. 9 meta l-appellat gie addebitat bir-reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9 – li fl-istess hin huwa beneficcju li l-prosekuzzjoni taghti lil persuna imputata jew akkuzata meta jkun hemm diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhal ma jirrizulta li gara fil-kaz odjern – kif ukoll bl-artikolu 50 tal-Kap. 9 (ara f’dan is-sens in-nota ta’ l-Avukat Generali tas-6 ta’ Dicembru 2005 meta rrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)).

Huwa minnu illi z-zieda fil-piena skond l-artikoli 18 u 50 tal-Kap. 9 hija diskrezzjonarja, izda mis-sentenza appellata ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti kkunsidrathom, tant illi lanqas biss tirreferi ghalihom. Huwa ovvju ghalhekk illi dawn l-artikoli sfuggew l-attenzjoni ta’ l-ewwel Qorti.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, u wara li din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat mnejn jidher illi diga' gie kkundannat hames darbiet ghal reati simili, l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu l-htija , tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena u minflok, u wara li rat l-artikoli 310(1)(a), 18 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------